Albert Marshall

# DIASPORA



# IL-POEŻIJA TA' ALBERT MARSHALL

Studju ta'

OLIVER FRIGGIERI

Meta fl-1967 ħareġ *Dhaben fl-Imhuh*, ktieb b'għażla mill-poeżiji ta' tliet ilħna ġodda, it-taqsima bil-versi ta' Albert Marshall kienet dik li laqtet l-attenzjoni l-aktar. Il-Moviment Qawmien Letterarju kien għadu kemm twaqqaf u l-paġni letterarji tal-ġurnali kienu fl-aqwa żmien tagħhom. Id-dibattitu letterarju kien qawwi u miftuħ. Kollox kien juri li l-kitba letterarja f'Malta kienet dieħla bis-saħħa kollha fis-seklu għoxrin. Għadd ta' kittieba żgħażagħ, imnebbħin mill-mudelli tematiċi u stilistiċi magħrufa fl-Amerika u fl-Ewropa, kienu qegħdin ifittxu punti ta' riferiment differenti minn dawk li kienu qdew il-funzjoni tagħhom fil-ħajja tal-kittieba ta' l-ewwel nofs seklu. Waqt li l-għeruq kulturali tal-kittieba ta' qabel kienu mħawlin fil-ħamrija tas-seklu dsatax, l-għeruq il-ġodda kienu kontemporanji.

Qabel xejn fil-poeżija bdew deħlin diversi forom ġodda. Il-metrika ma baqgħetx titfassal fuq ir-regoli fissi tat-tradizzjoni, u daħlet l-isperimentazzjoni li ressqet lill-poeżija lejn il-proża. Il-versi ma baqgħux jitqassmu dejjem fi stanzi regolari ta' erba' jew sitt versi u l-bqija, iżda bdiet tissawwar l-istanza ħielsa, b'għadd ta' versi li jvarja. Il-lingwaġġ ma

baqax jingħażel biss mis-saff Semitiku tal-Malti, u ħafna kliem ġdid, anki għall-istess ilsien Malti, beda dieħel biex jieħu post il-qadim u jrodd tifsiriet u effetti ġodda. Il-metafori bdew jingħażlu mid-dinja tal-belt minflok mill-kampanja, waqt li s-similitudni, tant għażiża għar-romantiċi, bdiet titwarrab. It-taħdit beda jittaqqal b'ħażna ta' riferimenti għad-dinja immedjata, għall-aħbarijiet internazzjonali, għall-kultura dinjija. Il-miti l-qodma saru s-suġġett ta' stħarriġ kritiku u l-poeti l-ġodda deħru mnebbħin minn miti differenti minn dawk li mingħajrhom il-poeżija konvenzjonali ma tiftihemx. Movimenti letterarji varji, Amerikani u Ewropej, mill-Futuriżmu sal-*Beat Generation*, bdew jitqiesu bħala l-kurrenti li l-poeti kellhom jidħlu fihom b'mod naturali, bħala sħab ideali, kontemporanji, ta' dinja letterarja waħda. Ir-raġunijiet storiċi jistgħu jinstabu f'oqsma oħra tal-ħajja Maltija, lil hinn mil-letteratura, iżda għan ewlieni kien li l-kitba taġġorna ruħha, timxi mal-pass imgħaġġel ta' l-oqsma l-oħra ta' l-għajxien. Fil-Letteratura Maltija, kif ġara wkoll fin-narrattiva u fit-teatru, bdew deħlin il-kurrenti, il-forom, il-frażjoloġiji u x-xejriet l-oħra ta' dik li b'terminu wiesa' tissejjaħ "il-letteratura moderna".

Kien tnieda żmien ġdid, b'bidliet mill-qiegħ li għall-ewwel darba introduċew l-idea ta' letteratura awtonoma jew ta' dibattitu letterarju Malti maqtugħ mil-limiti dojoq ta' dibattitu lingwistiku, ta' xeħta lessikali u ortografika. L-awturi qiesu lilhom infushom bħala protagonisti ta' realtà li kienet teżisti diġà u li huma kellhom ileħħnuha bil-kitba tagħhom. Rebaħ sikwit it-temperament, u telgħet sikwit fil-wiċċ ir-reazzjoni ta' ġenerazzjoni li kienet ilha tistenna li tibda tinstema'. Bħalma jiġri f'kull fażi kulturali ta' din ix-xeħta, fażi bikrija fi ħdan perijodu wisq itwal, mhux il-kitba kollha laħqet l-istess livell. Iżda bħala regola, wara l-kitba kien hemm ħażna ta' informazzjoni, medda ta' ideat, xhieda ta' għażla li kienet saret.

Fi ħdan dan il-kwadru jiftiehem Albert Marshall bix-xejriet distintivi tiegħu, xejriet li matul medda ta' madwar tletin sena huwa baqa' fidil lejhom bħala prinċipji li minn barra jidhru formali waqt li fil-qofol tagħhom huma ħjiel ta' viżjoni eżistenzjali. Għal Marshall il-poeżija kellha tkun oġġett li joħroġ 'il barra mill-paġna fissa, sistema ta' tifsir li tinħadem skond ix-xejriet suġġettivi tal-qarrejja nfushom, dokument li jsegwi daqskemm jikser ir-regoli tal-kuntratt bejn id-destinatur u d-destinatarju. L-imprevedibbli, l-ambigwu, il-kapriċċuż, is-suġġettiv, xi drabi anki dak li jista' jinħass vulgari: dawn huma l-ispazji ġodda li fihom Marshall beda jfittex lilu nnifsu, l-identità proprja tiegħu ta' poeta, jew individwu, differenti. L-isfida saret parti mill-għemil poetiku stess, u l-qarrej kellu jkun lest li jistenna kulma ma sabx fil-poeżija ta' qabel.

Ironikament, għad li prinċipju ewlieni tal-moviment modern huwa l-komunikazzjoni effettiva, Marshall hu wieħed mill-poeti li jagħtu l-akbar importanza lill-espressjoni, lill-fedeltà sħiħa lejn il-proċess kreattiv. Fi "Blindfold" u "Kemm Pop Kemm Fizzle", żewġ poeżiji mdaħħlin fi *Dhaben fl-Imbuħ*, il-poeta hu l-artist li jaħsad, jistqarr daqskemm jimplika, u saħansitra jispiċċa biex ibiddel il-komponiment poetiku fi splużjoni grafika, f'damma ta' ittri, sillabi u kliem li lkoll jokkupaw l-ispazji kollha tal-paġna. Din ix-xejra, għad li b'inqas enfasi, dehret ukoll f'*Rumminiet misjura jittewbu minn wara s-Sejjieħ* (1971), waqt li għebet għal kollox f'*Poeżiji ta' Mħabba* (1981). Hi indikazzjoni tal-għażla tal-poeta miegħu nnifsu, ma' kundizzjoni bikrija li baqa' nostalġiku għaliha.

Fil-qiegħ ta' kollox hemm it-twemmin fil-protesta bħala mġiba kostanti, diwi tal-ħsieb ta' Albert Camus li l-bniedem jibni lilu nnifsu, isir xi ħadd, billi jirribella. Kollox jindika li l-protesta ma kinitx u, meta tibqa' tinħass f'poeżiji tas-

snin sebgħin-disgħin, ma hix għażla staġunali, xejra ta' żmien li talabha bħala biċċa minn kredu letterarju. Il-protesta hi l-mod alternattiv kif Marshall jara l-affarijiet, diversament, u kollox ma' kollox f'solitudni kronika. Din hi għamla ta' awtodefinizzjoni sottili:

> raġel
> jiġi jħuf ma' nżul ix-xemx biswit l-għadira tramuntana
> bi gwerra mdendla bi spaga fuq rasu
> u fuq il-pavru papillon ta' ħarir blu.
>
> *Pavru tas-satin*

Il-mod kif Marshall jiddefinixxi lilu nnifsu, mhux biss f'din is-silta iżda f'diversi oħrajn li jidhru bħala kummenti ġeneriċi, hu l-istess mod kif hu jagħmel ħaqq mill-bniedem tas-seklu għoxrin. Il-kontemporanjetà li bdiet biex dehret skoperta mixtieqa u doveruża, għarfien tal-liġi taż-żmien, tispiċċa qajl qajl biex issir il-qagħda li l-poeta jrid u ma jistax jaħrabha. Hemm għamla ta' skumdità gravi fir-relazzjoni tal-poeta mad-dinja tiegħu, id-dinja tal-fatti karatteristiċi "tat-tribù", ta' dik li l-poeta suppost jitnebbaħ bil-ferħa minnha. L-għadab, ħjiel tal-protesta, isir qagħda konsistenti tar-ruħ, u jixref sikwit fit-tonalità, fl-għażla tal-kliem, fit-tlaqqigħ ta' valuri kuntrastanti, u jieħu saħansitra l-bixra ta' provokazzjoni. Anki Marshall tal-maturità tat-tmeninijiet u tad-disgħinijiet huwa fidil lejn Marshall taż-żgħożija kontestatarja.

Fil-kwadru tal-poeżija Maltija ta' tmiem is-seklu għoxrin din hi qagħda solitarja ħafna. Għal Marshall iż-żmien spiċċa biex ma biddel xejn fil-qofol tiegħu, u kollox juri li dik li kienet protesta "Maltija" kienet protesta spiritwali, eżistenzjali, kundizzjoni li lanqas l-emigrazzjoni ma toffrilha soluzzjoni. Tqabbil tal-poeżiji tas-snin 1967-81 u tas-snin 1981-96, qabel u wara t-tluq tal-poeta lejn l-Awstralja, jista' jrodd il-konklużjoni li matul dan iż-żmien kollu kien hemm

dejjem persuna essenzjalment "waħda" li qiegħda tikteb. Fil-wiċċ tagħhom diversi poeżiji jidhru jgiddbu din il-konklużjoni; fil-qiegħ tagħhom jistgħu jikkonfermawha. "Ħemel 2" imxandra fl-1981 tiġbor kollox f'ħames versi:

ruħi bettija mimlija sax-xifer
bl-ilma mbierek ta' l-imħabba
u meta fiha jidħol jgħum u jogħdos alla
tfawwar u xxerred
u minn għajnejja jżiġġ id-dmugħ.

L-istqarrija, għamla ta' awtodefinizzjoni oħra, tlaqqa' flimkien għadd ta' elementi: ir-riferiment għall-kultura Maltija ta' l-imgħoddi ("bettija"), id-diwi tat-tifkira tar-riti reliġjużi ("bl-ilma mbierek"), il-motiv pajsaġġistiku Malti ("jgħum u jogħdos"), is-sens tad-divinita ("alla"), l-imġiba sentimentali li l-poeta jrid irażżan fih u li xorta tixref ("minn għajnejja jżiġġ id-dmugħ"). L-ispontanjetà istintiva li biha jikteb Marshall għaliex "ruħi mimlija sax-xifer" hi mtaħħta għal-liġi tal-kontroll ("meta fiha jidħol", jiġifieri meta jintlaħaq livell ogħla ta' kuxjenzjożità), u r-riżultat, bħal f'ċirku vizzjuż, hu bikja ("minn għajnejja jżiġġ id-dmugħ"). Hemm f'Marshall is-sens tal-"poeta puer", it-tifel li jispiċċa biex ma jikber qatt, jew aħjar li jilħaq il-maturità billi jibqa' nostalġiku għal tfulija dejjiema.

## Il-poeta tat-tfulija

Waqt li fl-għemil poetiku fih innifsu hemm dejjem ħjiel ta' ritorn lejn il-fażi tal-bidu, it-tfulija, f'Marshall it-tifkiriet ta' tfulitu mhux biss jagħtu lok għal gallerija sħiħa ta' kwadretti mlewna, iżda jqanqlu wkoll is-sens ta' appartenenza għal xi "ħaġa", għal epoka primordjali, li fis-sewwa ma teżistix aktar. Il-fatti saru tifkira, l-esperjenza ssarrfet f'kontenut

psikoloġiku qawwi, ix-xewqat u l-ideali u d-delużjonijiet baqgħu jikbru f'punti ta' riferiment li jiddeterminaw kollox jew kważi. Kollox jindika li l-imgħoddi hu kristallizzat, imbiddel fi preżent kontinwu, f'memorja li tiddetermina l-issa u l-hawn:

kienu laħqu kibru ġmielhom ġewwa fina
l-mandolini

ommi qaltli mur bis-sliema kun bil-għaqal
u xi darba
erġa' lura

ġewwa fina amorini
daqqew kiebja l-mandolini

*Ġejja 1*

It-tifel li jilgħab bil-kliem huwa l-poeta li issa jfittex il-kliem bħala maġija, għeliem ta' misterjożità, dokumenti ta' realtà ambigwa. Marshall jilgħab bit-tifsira doppja tal-"mandolini", fis-sens ta' frotta jew strument mużikali. "Mur bis-sliema" hi l-frażi tipika Maltija ta' min isellem lil xi ħadd fit-tluq. Hi tbassira tal-vjaġġ lejn l-Awstralja fl-1981, il-biża' li t-tifel jitbiegħed, bħal Rużar Briffa, mis-sigurtà ta' l-omm. Il-qarrej jistaqsi x'relazzjoni hemm bejn il-kelmiet "amorini" u "mandolini". It-tweġiba jagħtiha l-aħjar min għadu żgħir fiż-żmien: hemm relazzjoni ta' ħoss. Marshall jinqeda kemm-il darba f'siltiet oħrajn bil-kliem imqiegħed f'pożizzjoni li jirrima biex jislet il-gost tat-tlaqqigħ tal-ħsejjes. Huwa wieħed mill-modi letterarji tiegħu kif mhux biss jevoka t-tfulija iżda wkoll kif jirrendiha attwali fl-adultezza.

It-tfulija tispjega ħafna minn kulma jagħmel Marshall fl-aħjar waqtiet tiegħu. Tispjega l-gost li jivvinta l-kliem billi jżomm l-istruttura ta' konsonanti u vokali fi kliem eżistenti, li jibqa' jidwi fil-bogħod. Il-kliem ġdid jispiċċa biex ma

jroddx tifsira u l-effett ikollu jitfittex fis-saħħa stramba ta' kliem li jimla spazju u joħloq mistoqsija:

> la nulla bona benit
> la nulla bona.
>
> *Classique*

Drabi oħra jsawwar verb minn nom ("tiddurella", "tirrutina") jew minn nom proprju ("nikkatjaha" minn "Katja"), jew minn isem ta' kanzunetta (jimmakkarenja"). Hi interessanti wkoll id-devjazzjoni paradigmatika ("żewġ ħbiberiji ilu" minflok "żewġt isjuf ilu" jew "żewġ xtiewi ilu" u l-bqija). Is-suġġett jitlob stħarriġ sistematiku għalih għaliex hemm bosta eżempji oħrajn ta' l-istess imġiba. Il-kapriċċożità li biha Marshall iħaddem l-ilsien Malti għandha l-għeruq tagħha fil-ħtieġa tiegħu li bħallikieku jżomm iż-żmien fil-mogħdija tiegħu, u li jsib l-istat ideali li hu differenti mill-istat reali. B'dan it-tip ta' poeżija ta' ritorn, bi mġiba kuntrarja għal dik tar-romantiċi ta' qablu, Marshall jimponi l-imgħoddi fuq il-preżent u għalhekk it-tfulija ssir kisba ġdida, il-verżjoni awtentika ta' l-adultezza.

Xi drabi Marshall isarraf it-tfulija f'rakkont. L-aħjar eżempju jinsab f'"Ħa nerħu x-xlief jissajja waħdu". It-tfulija hi rakkontata dejjem mill-adult, fid-dawl ta' l-esperjenza, u l-motiv m'huwiex it-tfakkir ta' l-imgħoddi iżda l-għajxien mill-ġdid ta' l-imgħoddi. Kollox isir possibbli għal poeta li minn jeddu jitlef is-sens taż-żmien, sewwa sew għaliex jixtieq jitilfu. Anki l-poeżiji ta' xeħta familjari u intima jinbnew bl-istess imġiba psikoloġika ("Volte face", "Jaqaw", "Kelma bejn Tnejn"); l-iben li kiber, il-missier, ir-raġel miżżewweġ huma varjanti ta' xulxin, jiġifieri Marshall ma jadottax imġibiet differenti f'kull każ.

Għadd ta' ritornelli tipiċi tat-tfulija, riferimenti għal logħob, ġudizzji ta' adult huma elementi li jitħalltu flimkien

f"Ħa nerħu x-xlief jissajja waħdu". Stħarriġ strutturali elementari tal-poeżija jixħet dawl qawwi fuq il-persunalità kollha tal-poeta. Marshall jibda billi jpinġi kwadrett ta' tfal jilagħbu u jgħaddi biex itenni l-frażijiet ritmiċi tat-tfal ta' żmienu. Minnufih wara jasal il-ġudizzju tiegħu:

kważi erotika niftakar kienet...

Id-dinja ta' l-adulti, skolastika, reliġjuża hi kważi mwaqqgħa għaċ-ċajt, u hu ċ-ċajt innoċenti ta' min jara lill-adulti bħala invażuri, preżenti bla ma huma mixtieqa. Il-poeżija tagħlaq bl-evokazzjoni ta' għidut popolari fost it-tfal magħmul minn taħlita ta' Malti u Ingliż meħudin minn kanzunetta ta' l-epoka u minn żieda tat-tfal Maltin:

16 tons
what you get
a big mazzita and a small zalzett.

Il-moral tal-poeżija f'għamla ta' rakkont hu parabbola tal-ħajja nnifisha kif jinterpretaha Marshall: hi innoċenti u serja, interessanti u frivola, loġika u fl-aħħar assurda. Bħall-awturi tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin, Marshall hu influwenzat mill-Eżistenzjaliżmu Franċiż. Id-differenza tinsab fil-punt fondamentali meta l-awtur Malti, kontra l-parir ta' Camus, jispiċċa biex lill-assurd jiddiskutih, u għalhekk jagħtih sens, jikkontradiċih - u jissuperah. Ir-raġuni hi dejjem l-istess: il-kultura reliġjuża f'Malta tibqa' tispjega kollox, u lill-awtur treġġgħu lura anki wara li jkun mexa ħafna lilhinn. Dak li jiġri lil Dun Karm f"Il-Jien u lilhinn Minnu" fi tmiem it-tletinijiet jiġri mill-ġdid lill-moderni. L-influwenza qawwija tal-kultura tat-tfulija tispiċċa biex tiddetermina kollox.

F'din id-dinja ta' kuntrasti kollox jitħallat f'ħaġa waħda. Marshall iwaqqa' għaċ-ċajt u fl-istess ħin iqim u jammira,

jixtieq jaqta' l-għeruq u jsib li jwasslu sa qalbu, jemigra fil-bogħod u jibqa' Malti - tant li jirritorna. Ir-ritorn fiżiku hu biss konferma li l-istess ritorn ma kienx meħtieġ biex iseddaq l-impressjoni li l-qtugħ qatt ma seħħ. Hemm rabta ta' kontinwità bejn il-poeżiji ta' qabel l-1981 u l-poeżiji ta' wara, u l-għeruq huma dejjem is-sittinijiet. Il-kreattività poetika ta' Marshall żviluppat ħafna, iżda dejjem sa ċertu punt, b'riserva, b'passi meqjusin li ma jaslux sax-xifer. Din hi l-kwalità li lil damma ta' poeżiji mifruxin tul madwar tletin sena troddilha l-unità tematika u anki formali.

## Il-poeżija ta' l-għeruq

F'diversi sensi Marshall huwa wild it-tradizzjoni li huwa jidher li jinqata' minnha l-aktar. Huwa influwenzat minn Dun Karm u mill-iskola tiegħu għallinqas skond il-liġi ta' l-opposti. Hi influwenza sottili, diġerita, imħollija dejjem xi mkien fil-qigħan tas-saffi tas-sinifikati u tal-lingwaġġi tipiċi tiegħu. F'dan id-dawl huwa kuntrarju għal Mario Azzopardi, waqt li b'semplifikazzjoni jingħad li jixbhu. Hi r-relazzjoni bejn l-opposti, li jistgħu jidhru bħal xulxin. F'dan id-dawl Marshall huwa solitarju fil-kwadru tal-poeżija Maltija ta' żmienu.

Id-drawwiet, ir-riti, ir-ritornelli, il-logħbiet tat-tfulija huma fdal ta' wirt li Marshall jibqa' mqabbad miegħu b'sagrifiċċju li jinħass. Taħt l-iskorċa ta' ċiniżmu kroniku l-poeta jaħbi turment li donnu hu, fit-tilwima mar-romantiċiżmu storiku, jibża' jistqarru u jkantah. Din hi l-ġlieda li Marshall jitlef miegħu nnifsu, esponent ta' sensittività mistħija, poeta li jibża' mill-espressjoni tas-sentiment li hu fil-fatt mimli bih u li jispiċċa biex jagħmlu poeta. Isħeħ mix-xorti temporanja li sabet f'Malta l-kultura Anglo-Amerikana hemm il-kundizzjoni dejjiema tal-mediterranjetà.

Għal Marshall Malta hi "il-gżira tal-gagazza u tal-

kartapesta", "gżira tal-fidloqqom". Hi wkoll "dil-gżira ta' ħolmti", fejn "ma nbidel xejn". Fi ħdan dan id-duwaliżmu tikber il-persunalità ta' poeta li jħobb u jistmerr, u sewwasew ta' l-emigrant li jerġa' lura lejn pajjiżu. Meta jirrifletti dwar din il-qagħda l-poeta jerġa' jsir liriku, it-tonalità ssir gravi, il-lingwaġġ jissawwar minn kliem elementari, u r-ritmu jinħass klassiku:

Ħajti
volte-face jirrutina mar-ritmi
ta' arloġġ imgħaġġel u mingħajr wiċċ

.................
.................

kemm għandu mill-miraġġ ta' qabel il-mewt
il-volte-face ta' ħajti...

*Volte face*

Jekk din il-tematika titqies bħala ċentrali fil-poeżija kollha ta' Marshall, ix-xejriet l-oħrajn jidhru sekondarji jew għallinqas espressjonijiet imtaħħta għaliha, żviluppi kurjużi tagħha. Iċ-ċiniżmu ta' bosta siltiet jinħass bħala l-forma li jieħu ideal mixtieq; f'termini politiko-nazzjonali dan ifisser delużjoni bil-pajjiż, sentiment li waqt li Marshall ifissru b'xejriet oriġinali, huwa wkoll esperjenza mġarrba minn grupp sħiħ ta' kittieba kemm tal-poeżija u kemm tan-narrattiva u tat-teatru. L-elastiċità stess li hi xejra tal-lingwa tiegħu ssir espressjoni tal-ħtieġa li jħoss li jmur lilhinn mill-forom fissi tas-sintassi tradizzjonali u mil-limiti magħrufa tal-lessiku, u l-aktar tal-lessiku li l-kanoni letterarja lokali ma tħallix lil min imur kontrieh jew 'il barra minnu. Bil-ksur ta' dawn ir-"regoli" Marshall jagħmel stqarrija kemm estetika u kemm politika.

L-aħjar mod kif titfisser din l-interpretazzjoni hu t-taħlit tat-tifħir u tal-kritika. It-test tal-qiegħ hu magħmul mill-

miti u mill-valuri li bihom Malta hi definita tradizzjonalment; it-test tal-wiċċ jistqarr ġudizzju modern u kritiku mingħajr ekwivoċi. Il-possibbiltà ta' dan il-qari doppju tinħass l-aktar kull meta Marshall jitkellem fit-termini ta' "aħna", u jagħmel il-ħaqq dwar poplu sħiħ:

m'aħniex razza 'nferjuri għax demmna minestra
jew għaliex minn għanqudna twemminna qartasnieh
fis-santi pawlini

anqas għax l-ideoloġiji
inwaħħluhom bozoz fil-festuni mixegħla
mal-faċċati tal-każini

jew għax ġrajjitna ngastata feles fil-musulew
tal-popli l-kbar

imma għaliex aħna li aħna
poplu ġo dar tal-pupi
ikkuttunat ġo awra ta' innoċenza.

*Il-Ġublew tas-Safa*

F'waqtiet bħal dan tista' titfittex parti mill-malinkonija paradossali li sserrep fil-poeżiji ta' Marshall li, mill-bqija, iroddu impressjoni opposta. Iċ-ċiniżmu hu espressjoni ta' interess imweġġa'; il-komiċità tesprimi realtà li m'hix mixtieqa; it-twemmin fl-attwalità tat-tfulija jissuġġerixxi l-ħtieġa ta' alternattiva għall-preżent. Qari tal-poeżija kollha ta' Marshall f'dan id-dawl jitlob li mela kollox jitfisser skond l-implikazzjoni u mhux skond l-istqarrija. Marshall reali m'huwiex dak li jitla' fil-wiċċ, iżda dak li jista' jinstab jekk jitfittex taħt is-saff oħxon tal-wiċċ. Dik li tidher f'xi waqtiet bħala frivolezza, fit-tema u fit-tħaddim avventuruż tal-lingwa, ikollha titqies bħala gravità mrażżna, burdata li ma tippermettix li tkun mistħarrġa. Jekk hemm unità tematika f'Marshall, kollox juri li din trid tinstab fil-waqtiet tad-delużjoni, li huma wkoll il-waqtiet liriċi. Il-waqtiet l-

oħrajn, anki jekk huma kotrana, jieħdu s-sura ta' intervalli. Il-punt tar-rabta ma jinstabx fil-livell tagħhom, iżda fil-livell iżjed fond, 'l isfel: il-livell tar-riflessjoni.

Din l-interpretazzjoni tikseb saħħa akbar jekk jitqies il-fatt li l-poeta huwa wkoll bniedem tat-teatru. Il-ġestwalità li hi suġġerita f'bosta poeżiji, il-bdil fit-tonalità, ix-xeħta diskursiva, l-aspett kwadrettistiku, l-enfasi fuq l-attività, is-sens qawwi ta' ċaqliq, il-komiċità li sikwit tistrieħ fuq il-bini ta' xenetta, it-taħlit tar-reġistri b'mod li hu tipiku tat-taħdit kurrenti: dawn u xejriet oħrajn huma lkoll ir-riżultat ta' l-impatt tar-reġista fuq il-poeta. Il-ħtieġa ossessiva li tinħass f'Marshall il-kittieb biex lill-kelma jagħtiha dimensjonijiet oħra u joħroġha 'l barra mil-limiti tal-paġna miktuba, unidimensjonali, hi minnha nnifisha xhieda tat-teatralità li Marshall jagħmel użu sħiħ minnha fil-formazzjoni ta' poeżija.

Dan kollu jgħinu l-aktar biex jiddrammatizza l-verżjoni tiegħu ta' Malta, li tibqa' t-tema ewlenija tiegħu, hi kemm hi mħaxkna ma' temi ta' fejda universali. Dan il-kwadrett hu tipiku ta' Marshall għaliex fid-drammatizzazzjoni ta' xena traġika jisħaq fuq l-azzjoni waqt li jrażżan kull żvog emottiv:

> ħadd ma fehem għala l-armla tal-ħaddiem li miet
> bla kolazzjon,
> issarat bħal għafrida ma' ta' l-ambulanza
> li riedu joftmuha mill-katavru
> għala tħabblu f'xulxin il-muskoli ta' wiċċha
> meta l-pulizija ħafnuha minn dirgħajha
> ħalli ta' l-ambulanza jkun jista' jsuq.
>
> *Poeżija griża*

L-iffullar tal-verbi u tan-nomi f'din is-silta, donnhom direzzjonijiet tar-reġista, hu indikazzjoni ta' poeta li jħares lejn il-ħajja bħala azzjoni, il-kriterju li bih il-ħajja hi klassikament imkejla. Hi din l-istess teatralità mżewqa li

Marshall josserva fl-imġiba Maltija li tirrendih kwadrettista, xi ħadd li jitlaq mis-sentiment biex jippreżentah bħala sitwazzjoni. L-att tal-kitba ta' poeżija, madankollu, jitlob kompromess tekniku; il-poeta għandu biss karta quddiemu. U Marshall bħala poeta jasal li jkun rakkontatur, anki jekk imwebbel mit-teatralità. Element li jgħaqqad bosta poeżiji tiegħu flimkien huwa sewwasew il-fil narrattiv, u riflessjonijiet tiegħu dwar Malta huma mfissra bħala sensiela ta' kwadri, xi drabi aneddoti.

F'dan l-aspett ukoll, minkejja l-modernità tiegħu, Marshall baqa' fidil lejn xejra ewlenija tal-poeżija Maltija. Mill-ħrafa popolari sal-poeżija patrijottika, mil-lirika awtobijografika sar-ritrattiżmu ta' tmiem is-snin sittin, il-lehma Maltija żammet il-loġika tar-rakkontatur tradizzjonali. Marshall li jevoka s-sitwazzjonijiet tat-tfulija huwa l-istess wieħed li issa jipprovdi f'termini ċari l-interpretazzjoni tiegħu tal-pajjiż. Il-poeta hu midjun lejn il-reġista daqskemm il-kuntrarju, u forsi fiż-żewġ kompetenzi Marshall hu midjun lejn it-teatru reali tat-triq, it-teatrin istintiv. Hi regola fit-tematika tiegħu li hu jfittex l-għeruq sewwasew hemmhekk.

## Il-poeta emigrant

Is-sentimenti ta' l-emigrant huma mogħtijin il-ħelsien biex jimirħu l-aktar f'"Volte-face", iżda l-poeżija ta' l-emigrazzjoni ta' Marshall hi normalment l-aktar diretta fost il-waqtiet l-oħra kollha. Bħal f'"Qalli dar-raġel", espressjoni tipika ta' l-għerf tal-bniedem tat-triq, f'"Żarenu l-Qolla" Marshall iħallat ir-ridikolu mas-serju u jħalli l-emozzjoni titnissel weħidha, mingħajr indħil letterarju. Ir-rakkontatur tipiku jibni kwadrett ta' missier li jitbekka lil uliedu msiefra fl-Awstralja. Il-kelliem reali m'huwiex il-persuna msemmija iżda l-poeta nnifsu, li skond il-mudell tal-ħrafa tradizzjonali jixħet il-moral f'tarf in-narrazzjoni:

u meta l-emigrant jitlaq pajjiżu
ikun bħal ruħ mitlufa
għal għomru ttorturat mill-fantażma ta' ġuf ommu

F"Il-Firda" Marshall jerġa' jadotta l-imġiba tipika tar-rakkontatur:

Isimgħuha
isimgħuha ċ-ċafċifa tal-baħar

Waqt li f'diversi poeżiji t-tifsira hi suġġerita biss jew moħbija taħt saffi sħaħ ta' taħdit figurattiv, meta t-tema hi Maltija Marshall jinqeda bil-mezzi l-iżjed elementari tal-kitba versifikata. Wara l-versi msemmija tal-ftuħ kollox jissokta bl-istess immedjatezza, u hekk ukoll f'"Katja" u poeżiji oħrajn, li lkoll ibiddlu l-emigrazzjoni f'għamla ta' eżilju, f'sens qawwi ta' solitudni u nostalġija għal imkien li issa jispiċċa idealizzat. F'dan is-sens, bħal ilħna oħrajn fl-Awstralja, Marshall jerġa' lura lejn uħud mit-temi ttrattati b'xeħta popolari minn Ġan Anton Vassallo fis-seklu dsatax.

Għadd ta' poeżiji oħrajn bħal "Russel Street", "Barbie", "Għall-ħabta ta' nofs Jannar fl-inħawi ta' Samaria (Victoria)", jissarrfu f'dokument liriku ta' poeta mbiegħed minn pajjiżu, dejjem wild gżira ċkejkna li sab ruħu fil-beraħ u li jistrieħ ħafna fuq il-memorja u x-xewqa. F'dan il-kuntest Marshall ma jiċħadx is-sentimenti elementari, tipiċi ta' l-emigrant, u jleħħinhom b'miżuri kbar ta' kompromess ma' l-istil essenzjali tiegħu. Il-metafora implikata hi tal-vjaġġatur reali li jsir pellegrin solitarju mbiegħed minn punt ġeografiku fiss. "Id-dar" ukoll issir metafora ta' pajjiż imbiegħed:

xerridt ħafna mill-ilma li kelli mġemma' fil-buqar
jien u nterraq fil-labirinti ta' dan il-promontorju

u issa fadalli ftit wisq
għal meta nasal lura d-dar.

*Wilson Prom – Ġenna Mitlufa*

L-ispazji kbar, il-mixi, it-taħlita ta' l-imgħoddi u l-preżent huma lkoll motivi "Awstraljani" li, kif jiġri f'"Il-Ġublew tas-Safa", jibqgħu xhieda ta' poeta Malti li ma qatax l-għeruq. Għalhekk din l-istqarrija tesprimi kollox:

tidfinnix f'dan il-pajjiż meta mmut
ibgħat ġismi lura f'borża 'l ommok fi kwan long.

*Poeżija griża*

## Il-lirika mnebbħa mid-duwaliżmu

Żewġ poeżiji qsar jistgħu jitqiesu bħala emblematiċi tas-saff l-aktar moħbi u reali fil-kuxjenza ta' Marshall. Bħal fil-każ ta' xejriet ewlenin oħrajn, huma punti ta' kuntrast ma' dik li mill-qari tas-saff tal-wiċċ tista' titqies bħala l-identità l-iżjed ovvja tiegħu. Bħal drabi oħrajn, il-kuntrast jista' jiswa biex jinstab il-qofol.

"Sinalġija" tesprimi d-duwaliżmu bejn ir-ruħ u l-ġisem tal-poeta, u tagħmel dan billi tevoka l-kruċifissjoni ta' Kristu. Is-silta Evanġelika hi mbiddla f'għamla ta' paġna mid-djarju tal-persuna li bħal drabi oħra qiegħda tindirizza lil persuna oħra li ma tissemmiex. F'xi waqtiet oħrajn il-persuna hi l-mara, is-sieħba u l-omm, dik li hi mistiedna tisma' ("Jaqaw"). Drabi oħra hi persuna identifikata biss mill-grammatika, u tista' tkun il-mara daqskemm il-qarrej ideali, id-destinatarju li miegħu Marshall sikwit jiżvolġi l-poeżija f'għamla ta' djalogu. "Sinalġija" hi importanti sewwasew għaliex ittella' fil-wiċċ kulma bħala regola l-poeta żamm fil-qiegħ:

meta jdoqqu t-tlieta l-ġimgħa filgħaxija
aħseb fija
tliet sigħat ta' l-agunija.

Id-duwaliżmu li jifrex fi "Duende" jinsab fil-kuxjenza stess tal-poeta, u jfakkar fil-qasma Cartesjana bejn "il-ħaġa li taħseb" u "l-ħaġa estiża". Il-firda li sikwit tidher bejn is-suġġett u l-oġġett, bejn il-poeta u d-dinja jew il-pajjiż tiegħu, din id-darba hi bħallikieku magħluqa fi ħdan personalità:

Għaliex das-seħer ta' ferħ
meta naf li m'għandi xejn

forsi jiena għandi lili
imma lili

għada se jmut

Waqt li ż-żewġ poeżiji, fost l-iqsar minn kulma kiteb Marshall, iħaddnu t-tema tad-duwaliżmu fil-limiti tagħhom u jagħmlu stqarrija sħiħa, l-istess motiv jista' jinstab imħaxken ma' motivi oħrajn, differenti ħafna, f'għadd ta' poeżiji differenti. Fil-kuntest tal-medda kollha tal-poeżiji ta' Marshall, iż-żewġ waqtiet qosra jassumu l-birxa ta' dokumenti sommarji, essenzjali ta' l-identità vera tiegħu, dik li forsi l-bniedem tat-teatru fih irnexxielu jrażżan jew itaħħat għal xejriet oħrajn. Mill-bqija, kull meta l-poeżija ta' Marshall ma tfakkarx, imqar mill-bogħod, fil-ħajja tal-palk, jew kulmeta l-poeżija ma tbiddilx lill-ħajja f'palk, ir-reġista jidher fid-dawl proprju tiegħu. U għalhekk jirrifletti mingħajr ma jirrikorri għall-mezzi li jkun ħaddem meta tella' lir-realità fuq il-palk. Jibqa' dejjem l-istess bniedem li jinftiehem billi titfittex l-essenzjalità tiegħu. F'termini teatrali Marshall ibiddel kontenut serju f'kummiedja jew f'satira jew f'sensiela ta' motivi ċiniċi; f'termini storiċi Marshall jirritorna lejn is-sittinijiet (li matulhom skopra l-possibiltajiet tekniċi tiegħu) bid-dispożizzjoni tat-tmeninijiet u tad-disgħinijiet (li matulhom għadda għall-adultezza umana u poetika).

Waqt li Marshall jibqa' l-poeta li jfakkar permanentement l-aktar fis-sittinijiet anki wara li għaddew, huwa jibqa' wkoll il-poeta li ħabrek l-aktar biex jegħleb kull distinzjoni bejn żmien u ieħor. It-tfulija tibqa' fażi fissa daqskemm tema dejjiema, imġarrba f'kull fażi oħra. Id-duwaliżmu, għalhekk, jista' jispjega kollox u jitfisser f'għadd ta' varjazzjonijiet: it-tifel u l-adult, ir-reġista u l-poeta, l-emigrant u l-Malti f'Malta, il-poeta avventurier tal-kelma u l-poeta li jibża' mill-gravità tagħha. Huwa l-poeta li jimraħ bejn l-estremi, bejn poeżija oskura u poeżija konfessjonali, bejn il-monologu li hu jippreferi u d-djalogu li hu jkollu jirrikorri għalih. Il-konsistenza tiegħu aktarx tinsab fit-triq tan-nofs, fit-tħaddim tal-kelma bħala kompromess ma' dak li ma jistax jitfisser, jiġifieri bħala espressjoni ta' ambigwità, vjaġġ tassew imbiegħed mill-punt tat-tluq tiegħu fis-sittinijiet.